11 ta' Frar, 1953

Imhallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Lewis Camilleri ne. *versus* Carmel Said ne.

**Soċjetà Ko-operativa — Likwidazzjoni — Ġurisdizzjoni — Art. 38, 29 u 43 ta' l-Ordinanza XXXIV ta' l-1946.**

*Fil-każ ta' krediti kontra soċjetà ko-operativa li tinsab in likwidazzjoni bl-ordni tar-Reġistratur tal-Ko-operativi fejn hemm nominat likwidatur biex jagħmel dik il-likwidazzjoni, il-likwidatur jiffissa ż-żmien meta l-kredituri jġibu l-quddiem il-krediti u l-pretiżi tagħhom, jew jiġu mdaħħlin f'xi distribuzzjoni magħmula qabel ma jiġu approvati dawk il-krditi jew pretiżi, jagħmel investigazzjoni u jiddisponi mill-attiv tas-soċjetà, u jeżerċita funzjonijiet oħra skond ma huwa preskritt mill-liġi; u kull min ħossu aggravat b'xi ordni tal-likwidatur dwar l-investigazzjoni tal-pretiżi avanzati kontra s-soċjetà u dwar il-ħlas ta' l-ispejjeż, fost ordnijiet oħra, jista' jagħmel appell quddiem ir-Reġistratur; u ebda Qorti ma għandha ġurisdizzjoni dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-likwidazzjoni, ħlief in rigward ta' dak li espressament jingħad fil-liġi.*

*Għaldaqstant, talba ta' kreditur għall-kundanna tal-likwidatur biex iħallas dejn dovut mis-soċjetà lil dak il-kreditur, waqt li tkun miexja l-likwidazzjoni, hija intempestiva; mhux biss, imma anzi l-Qorti lanqas tista' tismagħha.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur nomine

talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £27. 2. 4 għall-prezz ta' nuċċalijiet lilu mibjugħa u konsenjati; bl-imgħax kummerċjali, u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Awissu u tat-3 ta' Novembru 1952, u dawk tal-mandat tal-qbid tat-8 ta' Novembru 1952, u tal-mandat tas-sekwestru tas-17 ta' Novembru 1952;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjetà fuq imsemmija—"Malta Civil Service (Association) Co-operative Stores, Limited"—tinsab in likwidazzjoni bl-ordni tar-Reġistratur tas-Soċjetjiet Ko-operativi, u l-konvenut Carmel Said ġie nominat likwidatur għal dan l-oġġett, konformement għal dak li hemm maħsub fl-art. 38 (2) tal-liġi fuq ċitata;

Illi skond l-art. 39 (1) (c) (d) (e) (g) (h) u (2) u l-art. 43 ta' l-istess liġi, il-likwidatur jiffissa ż-żmien meta l-kredituri jġibu l-quddiem il-krediti u l-pretiżi tagħhom, jew jiġu mdaħħlin f'xi distribuzzjoni magħmula qabel ma jiġu approvati dawk il-krediti jew pretiżi; jinvestiga l-pretiżi kollha avanzati kontra s-soċjetà, u jiddeċidi l-kwistjonijiet ta' gradwazzjoni li jinqalgħu; jiddeċidi, b'ordni, "liema nies u f'liema ishma għandhom jitħallsu l-ispejjeż tal-likwidazzjoni", jagħmel pjan ta' distribuzzjoni ta' l-attiv għall-approvazzjoni tar-Reġistratur, u jaħseb għal dak it-tqassim meta l-imsemmi pjan ikun ġie approvat; iħallas dak li għandu jittieħed mis-soċjetà (magħdud l-imgħax sal-jum biss ta' l-ordni tal-likwidazzjoni) skond il-gradwazzjoni, jekk ikun hemm, f'daqqa waħda jew b'rati skond kif l-attiv tas-soċjetà jippermetti; u ż-żejjed, jekk ikun hemm, li jifdal wara l-ħlas tat-talbiet, jitħallas bl-imgħax mill-jum ta' l-ordni tal-likwidazzjoni b'dik ir-rata li ma tkunx ogħla mir-rata miftehma, kif il-likwidatur jiddeċidi; u kull min iħoss ruħu aggravat b'xi ordni tal-likwidatur dwar l-investigazzjoni tal-pretiżi avanzati kontra s-soċjetà u dwar il-ħlas ta' l-ispejjeż—fost ordnijiet oħra—jista' jagħmel appell quddiem ir-Reġistratur; u ebda Qorti ma għandha ġurisdizzjoni dwar kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-likwidazzjoni, ħlief, naturalment, in rigward ta' dak li espressament jingħad fil-liġi;

Illi mid-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq riportati ċar jemerġi illi t-talba ta' l-attur għall-ħlas tal-prezz ta' nuċċalijiet forniti lis-soċjetà fuq indikata hija, mhux biss intempestiva, imma tali li, għal issa almenu, ma tistax tiġi mismugħa minn din il-Qorti;

Għaldaqstant tillibera lill-konvenut nomine mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż;